MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 518/1995/1

Francis Zahra u b'digriet tal-21 ta' Gunju 2000 Charles Azzopardi gie
nnnammess fil-kawza bhala parti interessata u b'digriet tat-8 ta' Gunju 2001 gew mahtura Dr Tonio Azzopardi u l-P.L. Liliana Buhagiar biex jirrapresentaw lill-eredita' giacenti ta' l-attur li miet fil-mori tal-kawza

Vs

Carmel sive Charles Pace u b'digriet tat-3 ta' Gunju 1996 Dr Louis Bianchi LL.D ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta Gasan Insurance Agency Limited bhala rappresentanti tas-socjeta' assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc gie ammess jintervjeni fil-kawza in *statu et terminis* u permezz ta' nota ppresentata fid-19 ta' Jannar 2001 Gasan Mamo Insurance Agency Ltd assumiet l-atti bhala intervenuta fil-kawza flok Dr Louis Bianchi ghan-nom ta' Gasan Insurance Agency Ltd.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-24 ta' April 1995 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi fid-9 ta' Mejju 1993 ghal xi 3.00 p.m. go Valletta Road, il-Mosta, waqt li l-konvenut Carmel sive Charles Pace kien isuq il-kar Escort numru S-0465 gara incident tat-traffiku u l-vettura misjuqa mill-konvenut baqghet diehla fil-kar Simca numru R-5458 misjuqa mill-attur; illi b'konsegwenza ta' dan l-incident l-attur sofra danni nkluza debilitazzjoni permanenti kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi ghal dan l-incident awtomobilistiku u konsegwenzjali danni jahti l-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, tant li l-istess konvenut wara l-incident baqa' sejjer u kellhom jigru warajh in-nies biex jaqbduh; illi l-attur interpella inutilment lill-konvenut biex jhallas id-danni kollha li huwa sofra b'konsegwenza tal-imsemmi incident; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni rizultanti;
2. tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
3. tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-24 ta' Jannar, 1995 u tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt biex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda ta' l-attur.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma ressaq ebda nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk illum jinsab kontumaci.
Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Gunju 1996 meta s-socjeta' Gasan Insurance Agency Ltd giet ammessa tintervjeni fil-kawza in statu et terminis.

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Frar 1996 meta gie mahtur bhala espert mediku l-Profs Victor Griffiths li halef r-rapport tieghu fl-udjenza tat-3 ta' Gunju 1996 (fol 65).

Rat in-nota tas-socjeta' Gasan Insurance Agency Ltd ppresentata fil-11 ta' Gunju 1996 li permezz taghha eccepiet:-

1. illi l-eccipjenti dejjem accetta responsabbilita' ghan-nom tal-assikurat tieghu ghall-incident tat-traffiku li sehh bejn il-kontendenti u ghalhekk u kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, dejjem kien lest li jhallas dak l-ammont li huwa obbligat li jhallas a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta wara naturalment li dan l-ammont jigi verifikat bhala dovut u jintlahaq ftehim ma' l-attur.
2. Illi ghalhekk l-eccipjent ma ghandu jbati ebda spejjes ghal dawn il-proceduri li til-fehma tieghu huma ghal kollox intempestivi.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-intervenut fil-kawza.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Jannar 1998 meta gie mahtur bhala espert okulist Dr Mario Tabone a spejjes provizorjament ta' l-attur, liema espert halef ir-rapport tieghu fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 1998 (Fol 199) u r-rapport addizzjonali fit-18 ta' Novembru 1998 (fol 213). Kif ukoll l-ittra tal-istess espert tat-18 ta' Jannar 1999 wara li saru xi verifiki minnu kif mitlub mill-partijiet (fol 237).

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Mejju 1999 meta gie mahtur assistant gudizzjarju fil-persuna ta' Dr Maria Dolores Gauci sabiex tigbor dawk il-provi li kien fadal tal-partijiet, liema hatra giet revokata fl-udjenza tat-3 ta' Dicembru 1999 billi kien miet l-attur fil-mori tal-kawza.

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Gunju 2000 meta ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju fil-persuna ta' Charles Azzopardi minflokk l-attur.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-22 ta' Mejju 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Dan huwa kas sfortunat fejn l-attur u cioe d-danneggat wara li ghadda mit-trauma ta' incident awtomobilistiku u baghata l-konsegwenzi ta' grihi personali kagunati mill-istess incident, spicca biex miet fil-mori tal-kawza ghal ragunijiet kompletament mhux relatati mal-incident b'mod li ma gawda xejn mill-beneficcji li seta' ha bhala konsegwenza ta' dawn il-proceduri. Mhux hekk biss talli l-eredi tieghu rrinunzjaw ghall-wirt u kellhom jigu mahtura kuraturi ghall-eredita' gjacenti u dahlet fil-kawza terza persuna li ddikjarat li kellha interess stante li kienet kreditur tad-decujus l-attur.

Dwar il-mertu tal-incident per se wiehed ma ghandux hafna x'jikkummenta. Infatti l-assikurazzjoni tal-konvenut fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha tghid li hija minn dejjem ammettiet responsabblita' ghall-akkadut ghan-nom tal-assikurat taghha u anke offriet thallas kumpens dement li dan seta' jigi verifikat. L-istess konvenut, debitament notifikat bic-citazzjoni, ma ressaq ebda eccezzjonijiet u ghalhekk llum jinsab kontumaci.

Fil-verita' l-ammissjoni tal-intervenut fil-kawza ma tistax tigi kunsidrata bhala konkluzziva billi bhala principju l-kontumacja tal-konvenut hija kontestatazzjoni filwaqt li intervenut fil-kawza jidhol fil-proceduri biex jikkontrolla dak li jkun qed jsir ghax jista' jkollu interess fl-ezitu, izda ma jistax jorbot lill-konvenut. Infatti poloz ta' assikurazzjoni generalment jikkontemplaw il-possibilita' anzi d-dmir tal-assikurazzjoni li tassumi d-difiza tal-assikurat taghha u inoltre generalment ukoll jikkontjenu klwasola fejn jinghad li jekk l-assikurat jwebbess rasu u jinsisti li ma kellux tort meta mill-provi li jkollha quddiemha l-assikurazzjoni din tkun iddecidiet li ma tikkontestax it-talba u tkun qed tofri li thallas qabel ma jibdew proceduri, l-istess assikurazzjoni tigi liberata minn kull obbligu li thallas l-ispejjes tal-kawza li jkunu hekk gew inkorsi inutilment. Fl-ebda okkazzjoni ma tista' l-assikurazzjoni tissostitwixxi l-volonta' taghha ghal dik tal-assikurat taghha u tammetti t-talba.

Ghalhekk din il-Qorti hija tenuta tezamina l-fattispecji tal-kaz sabiex jigi stabbilit minn kien responsabbli ghall-akkadut. Kif gja inghad il-konvenut jinsab kontumaci. Mil-provi prodotti jirrizulta li l-attur, fil-kumpanija ta’ Joseph Borg, kien jsuq il-vettura tieghu Simca fuq l-inner lane gewwa Valletta Road, Mosta fid-direzzjoni tal-Mosta. Warajh kien hemm vetturi ohra senjatament dik misjuqa minn John Camilleri li kien mixi fuq l-outer lane. Jirrizulta li l-konvenut gie minn wara ittanta jaqbes lil Camilleri minn gewwa izda kif qed jaghmel hekk habat fuq in-naha tal-lemin ta’ wara tal-kar ta’ l-attur u bid-daqqa din il-karozza spiccat telghet il-bankina u habtet ma’ sigra. L-impatt kien wiehed qawwi, kif jghid l-istess Camilleri, tant hu hekk li l-vettura ta’ l-attur kellha hsarat konsiderevoli u spiccat dikjarata bhala “beyond economical repair”. Ma l-impatt il-konvenut baqa’ sejjer u kienet terza persuna li hadet in-numru tal-karozza tieghu.

Minn dawn il-fatti jidher car li l-incident sehh tort tal-konvenut u li l-attur bl-ebda mod ma kkontribwixxa ghall-akkadut.

Likwidazzjoni tad-danni.

Id-danni attrici huma kemm dawk maghrufa bhala “damnum emergens” billi l-attur qed jirreklama l-valur tal-vettura tieghu, il-prezz ta’ xi merkanzija li kellu fil-vettura waqt l-incident u li ma sabhomx aktar wara l-incident; spejjes medici u spejjes tal-passiggier li hallas l-attur de proprio. Dwar dawn ma hemmx kontestazzjoni hlief ghal kwistjoni tal-vettura billi donnu qed jigi allegat li l-assikurazzjoni hallset lill-attur is-somma ta’ LM250 bhala prezz tal-karozza. Dan il-fatt qed jigi kontestat u inoltre qed tintalab is-somma ta’ LM300 billi daqshekk hallas l-attur lill-sidha wara l-incident. Din il-Qorti hija propensa taccetta l-ammont reklamat mill-attur b’hekk jigi li d-danni taht dan il-kap jammontaw ghas-somma ta’ LM2068.15,5. Jibqa riservat pero’ li jekk l-ammont ta’ LM250 offrut ghall-prezz tal-karozza gie percepit mill-attur u l-assikurazzjoni tal-konvenut jkollha prova li sar dan il-pagament billi jkollha f’idejha ic-cheque imsarraf mill-attur, allura l-

ammont fuq imsemmi ghandu jigi ridott bis-somma ta' LM250.
Dwar it-talba ghal kumpens taht il-kap ta' Lucrum Cessans din il-Qorti tikkonfessa li hija disturbata sew minhabba l-assenza ta' provi konkreti dwar l-introitu ta' l-attur fi zmien tal-incident billi dan, ghalkemm iddikjara 'income' ta' LM4,000 ripetutament irrifjuta jippresenta kopji tal-Income Tax Returns tieghu ghas-snin antecedenti l-incident. Inoltre jigi osservat li fid-data tal-incident l-attur kien "irtirat" ufficjalment billi kien lahaq l-eta tal-pensjoni. L-attur b'dana kollu dejjem sostna li huwa baqa' jahdem wara li irtira u anke kien registrat mal-VAT Department.

Jirrizulta li bhala rizultat tal-incident l-attur ma setghax jkompli jezercita n-negozju tieghu senjatament minhabba li tilef l-uzu ta' ghajnejh il-leminija u l-uzu ta' drieghu l-leminija. L-attur kien qabel jezercita l-professjoni ta' repairer tal-arloggi u istrumenti ohra delikati bhal ma huma barometri. Izda barra minn hekk kien ukoll jinnegozja dawn l-affarijiet billi kien jimportahom minn barra u jqassam lill-hwienet. Wara l-incident dan kollu waqaf.

Din il-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi tal-kaz ma ghandhiex tadotta s-sistema tal-multiplier billi ma hemmx provi konkluzivi, minhabba l-eta' ta' l-attur, u partikolarment billi l-attur miet fil-mori tal-kawza. Jkun xieraq li f'dan il-kaz jigi likwidat ammont ta' danni arbitrio boni viri u tenut kont ta' kollox hija tal-fehma li s-somma ta' LM5,000 tkun xierqa u gusta. Ghalhekk id-danni totali dovuti lill-eredita' gjacenti ta' l-attur jammontaw ghas-somma ta' sebat elef tmienja u sittin lira maltin u sittax-il centezimu (LM7,068.16), salv dak li inghad fuq dwar s-somma ta' LM250 offerta ghal-vettura.

Ikkunsidrat dwar il-posizzjoni ta' Charles Azzopardi li dan dahal fil-kawza a tenur ta' l-artikolu 806 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta inkwantu huwa jsostni li ghandu interess bhala kreditur tad-decujus. Infatti jirrizulta in atti li dan Azzopardi kien habib ta' l-attur u kien silfu s-somma ta' LM5,000 biex jghinu fl-akkwist tal-merkanzija li kien jimporta minn barra jew biex jhallas id-dazju fuq din il-

merkanzija. Hemm skrittura a fol 246 tal-process fejn hemm dikjarat li fit-23 ta' Jannar 1984 l-attur kien irceva minghand dan Azzopardi s-somma ta' LM5,000 li kellha tithallas lura fit-23 ta' April 1984 bl-imghax ta' 10%.

Ma ingiebet ebda prova kontrarja dwar il-validita' ta' din l-iskrittura salv il-kwistjoni tal-imghax izda din ma tipprezenta ebda problema insormontabbli billi se mai l-imghax jitnaqqas ghal dak legali u cioe 8%. Jirrizulta pero' li mill-ammont misluf l-attur kien hallas lura is-somma ta' elf u tlettin lira (LM1,030) sal 11 ta' Marzu 1993 biex b'hekk illum l-attur, ossia l-eredita' tieghu ghandha tirrifondi s-somma ta' LM3970.00 oltre l-imghax ta' tmienja fil-mija – liema imghax komputat bhala "simple interest" b'effett minn Marzu 1993 jammonta ghas-somma ta' LM3017.20. L-ammont totali dovut lil Charles Azzopardi ghalhekk jammonta ghas-somma ta' LM6987.20.

Illi proprjament il-parti interessata fir-risarciment tad-danni hija l-eredita' gjacenti ta' Francis Zahra mentri Charles Azzopardi huwa biss interessat qua kreditur ta' din l-eredita'.

Illi dwar l-eccezzjoni tal-intempestivita' sollevata mill-intervenut fil-kawza jigi rilevat li din l-eccezzjoni tapparjeni lill-konvenut kieku dan ikkontesta dawn il-proceduri billi t-talba promotorja hija indirizzata lejh u lejh biss u kien jispetta lilu, kif gja inghad fuq, jghid jekk huwa kienx accetta li jhallas id-danni tal-attur. Dan il-konvenut izda baqa' kontumaci u ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tigi sollevata mill-assikurazzjoni tieghu. Inoltre jigi rilevat li l-intervenut huwa dejjem responsabbli ghall-ispejjes tieghu fil-proceduri mentri l-ispejjes tal-kawza, apparti minn dawk tal-intervenut, jigu allokati skond ir-rebh u telf. Fil-kaz in ezami ghall-konvenut billi jirrizulta li dan kien responsabbli ghall-incident de quo.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza billi fl-ewwel lok tiddikjara li l-incident awtomobilistiku fuq imsemmi sehh unikament tort tal-konvenut, tillikwida d-danni attrici fis-somma ta' sebat elef tmienja u sittin lira maltin u sittax il-centezimu

(LM7068.16), salv kull tnaqqis dovut kif inghad fuq jekk jirrizulta li s-somma ta' LM250 giet percepita mill-attur; tikkundanna lill-konvenut jhallas dan l-ammont lill-kuraturi tal-eredita gjacenti fil-persuna ta' Dr. Tonio Azzopardi u l-P.L. Liliana Buhagiar, tillikwida l-interess ta' Charles Azzopardi, qua kreditur tal-eredita' gjacenti ta' l-attur fis-somma ta' sitt elef disa' mija seba' u tmenin lira u ghoxrin centezimu (LM6987.20); tordna lill-kuraturi tal-eredita' gjacenti sabiex mir-rikavat fuq imsemmi jhallsu lil Charles Azzopardi s-somma hekk likwidata ta' LM6987.20 u l-bilanc, jekk ikun il-kaz, jigi depozitat f'kont savings ma bank lokali f'isem l-eredita gjacenti ta' Francis Zahra, u jindikaw in atti permezz ta' nota d-dettalji ta' dan id-depositu.

L-ispejjes kollha, hlief ghal dawk tal-intervenut fil-kawza li ghandu jbatihom huwa stess, jithallsu mill-konvenut.

Onor Imhallef Albert J.Magri